MAYOR OF LONDON

# EU Londoners Hub

Maltese/Malti

# COPYRIGHT

**Greater London Authority**
**February 2021**

Published by
Greater London Authority
City Hall
The Queen’s Walk
More London
London SE1 2AA

enquiries 020 7983 4000
minicom 020 7983 4458

# Kif tapplika għall-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta' Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE (EU Settlement Scheme)

Is-Sindku, Sadiq Khan, stqarr b'mod ċar li ċ-ċittadini tal-UE li joqogħdu Londra jagħmlu parti minnha u huma milqugħa hawn f'din il-belt kbira tagħna.

Sabiex niżguraw li ċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom ikollhom l-informazzjoni kollha li jeħtieġu dwar il-ħajja f'Londra wara l-Brexit, ħloqna l-European Londoners Hub biex nagħtuk informazzjoni ċara u imparzjali u, jekk meħtieġ, niggwidawk lejn appoġġ u pariri addizzjonali..

## X'teħtieġ biex tapplika?

Ir-regolamenti tal-UE għal-Libertà ta' Moviment ma japplikawx aktar għar-Renju Unit, għalhekk il-Gvern tar-Renju Unit għamilha obbligatorja li ċ-ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera, flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, li jixtiequ jibqgħu fir-Renju Unit legalment wara t-30 ta' Ġunju 2021, biex japplikaw għal status ta' residenza ġdid sa din id-data. Din tissejjaħ l-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta' Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE u tagħti Status ta' Stabbilit li huwa Residenza għal Żmien Indefinit (RŻI), jew Status li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit li huwa Residenza għal Żmien Limitat (RŻL) lill-applikanti li jirnexxu.

Il-Gvern tar-Renju Unit iddikjara jistenna li l-maġġoranza l-kbira tal-applikanti se jirnexxu, bi ftit eċċezzjonijiet relatati ma' sentenzi għal reati serji. Ikollok tagħti evidenza li għext fir-Renju Unit għal ħames snin konsekuttivi (residenza kontinwa) biex tkun eliġibbli għall-Istatus ta' Stabbilit meta tapplika. Jekk ġejt toqgħod fir-Renju Unit nhar jew qabel il-31 ta' Diċembru 2020 iżda ma tkunx għext hawn għal ħames snin konsekuttivi meta tapplika, jista' jkun li tingħata l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit. Jekk għandek Status li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit, tista' tapplika għal Status ta' Stabbilit ladarba jkollok ħames snin ta' residenza kontinwa fir-Renju Unit. Jekk ingħatajt l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit, huwa importanti ħafna li tapplika għall-Istatus ta' Stabbilit qabel ma jiskadi l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit tiegħek, inkella ma jkollok l-ebda residenza legali fir-Renju Unit.

Jekk tixtieq tkompli toqgħod legalment fir-Renju Unit fil-ġejjieni, trid tapplika għal status jew ieħor qabel it-30 ta' Ġunju 2021.

## L-eliġibbiltà tiegħek

Nistgħu ngħinuk tiċċekkja jekk intix eliġibbli għall-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta' Stabbilit (EU Settlement Scheme - EUSS) billi tikklikkja fuq il-buttuna t'hawn taħt u twieġeb ftit

mistoqsijiet sempliċi. It-tweġibiet tiegħek jgħinuna niggwidawk lejn aktar informazzjoni u, jekk xieraq, il-paġna tal-applikazzjoni tal-Home Office. Jekk taħseb li diġà taf li int eliġibbli, tista' tmur direttament fil-paġna tal-applikazzjoni.

## X'għandi bżonn inkun naf dwar l-applikazzjoni għall-EUSS?

Għandek sat-30 ta' Ġunju 2021 biex tapplika għall-EUSS iżda nirrakkomandaw bil-qawwa li tapplika mill-aktar fis possibbli. L-applikazzjonijiet li jaslu wara t-30 ta' Ġunju 2021 xorta jistgħu jiġu kkunsidrati mill-Home Office jekk hemm raġuni valida għaliex ma stajtx tapplika sat-30 ta' Ġunju 2021.

Il-membri tal-familja tiegħek li huma eliġibbli u li bħalissa ma jgħixux fir-Renju Unit jistgħu japplikaw fi kwalunkwe ħin wara t-tmiem tal-Perjodu ta' Tranżizzjoni biex jingħaqdu miegħek fir-Renju Unit.

Il-gwida li ġejja se tgħinek issib informazzjoni dwar l-istatus tiegħek u x'teħtieġu int u l-membri tal-familja tiegħek biex timlew l-applikazzjoni.

Se naġġornaw dan il-hub b'informazzjoni ġdida hekk kif insiru nafu dwar xi bidliet.

## Nista' napplika għal Status ta' Stabbilit jew li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit?

Jekk ilek tgħix fir-Renju Unit b'mod kontinwu għal perjodu ta' ħames snin, tista' tapplika għal Status ta' Stabbilit. Biex tkun residenti b'mod kontinwu, jeħtieġ li tkun ilek residenti fir-Renju Unit għal mill-inqas sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar matul il-5 snin. Fil-proċess tal-applikazzjoni se tintalab tikkonferma l-identità tiegħek, tagħti evidenza tat-tul tas-soġġorn tiegħek fir-Renju Unit u tintalab tiddikjara jekk għandekx xi kundanni kriminali. Fir-residenza kwalifikanti ta' ħames snin tiegħek, int permess perjodu ta' żmien wieħed barra mir-Renju Unit li huwa itwal minn sitt xhur sakemm din tkun assenza waħda li ma taqbiżx 12-il xahar u li tkun għal “raġuni importanti". Ir-raġunijiet importanti huma definiti bir-reqqa, il-lista tinkludi tqala, ħlas, mard serju, studju, taħriġ vokazzjonali jew kollokament barra mill-pajjiż. Assenzi minħabba l-Coronavirus jistgħu jiġu kkunsidrati bħala raġuni importanti, iżda f'ċirkostanzi limitati biss. Aqra l-paġna tagħna għal aktar informazzjoni dwar residenza kontinwa.

Kull assenza mir-Renju Unit minħabba servizz militari jew f'servizz għall-Kuruna ma jiksirx ir-residenza kwalifikanti tiegħek anke jekk din l-assenza taqbeż it-12-il xahar.

Jekk ilek tgħix fir-Renju Unit għal inqas minn ħames snin sal-aħħar ta' Diċembru 2020, tkun tista' tapplika għal Status li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit. Ladarba tilħaq il-ħames snin ta' residenza kontinwa, imbagħad tkun tista' tapplika għal Status ta' Stabbilit.

## X'jiġri jekk diġà għandi Residenza Permanenti jew Residenza għal Żmien Indefinit jew Awtorizzazzjoni Indefinita għad-Dħul?

L-Istatus ta' Stabbilit huwa tip ġdid ta' Residenza għal Żmien Indefinit li kienet it-tip li ngħataw persuni oħra fil-passat. Dawk li diġà għandhom Residenza għal Żmien Indefinit (RŻI) jew Awtorizzazzjoni Indefinita għal Dħul (AID) fir-Renju Unit diġà għandhom permess jgħixu fir-Renju Unit wara t-tmiem tal-Perjodu ta' Tranżizzjoni. Madankollu, forsi tixtieq tapplika għal

Status ta' Stabbilit bil-għan li jkun aktar faċli għalik biex tikseb id-drittijiet addizzjonali miftiehma fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, bħad-dritt għal assenza ta' ħames snin u d-dritt li jingħaqdu miegħek membri tal-familja eliġibbli. Xi persuni jistgħu jsibuha aktar faċli li juru d-dritt għar-residenza tagħhom bl-Istatus ta' Stabbilit li huwa diġitali u jista' jiġi aċċessat il-ħin kollu. Ir-RŻI tat-tip il-qadim spiss huwa ttimbrat fuq passaport qadim li sfortunatament jista' jintilef.

Persuni li għandhom dokument jew kard validu/valida ta' Residenza Permanenti jridu japplikaw għall-Istatus ta' Stabbilit, peress li l-istatus ta' Residenza Permanenti ma jibqax validu wara t-30 ta' Ġunju 2021. Għalkemm l-istatus isir invalidu, id-dokument madankollu xorta jista' jkun utli billi jista' juri li jekk xi wħud mit-tfal tiegħek twieldu fir-Renju Unit wara li tkun ksibt residenza permanenti, dawn ikunu ċittadini Brittaniċi awtomatikament. Matul il-proċess tal-applikazzjoni, tista' tindika jekk għandekx RŻI/AID jew Residenza Permanenti. Jeħtieġ li tiddikjara li ma kontx assenti mir-Renju Unit għal perjodi ta' aktar minn sentejn jekk għandek RŻI/AID jew 5 snin jekk għandek dokument jew kard ta' Residenza Permanenti. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma tkunx meħtieġ tipprovdi evidenza tat-tul tar-residenza tiegħek fir-Renju Unit wara li tkun ingħatajt RŻI/AID jew Residenza Permanenti.

Jekk għandek Residenza għal Żmien Indefinit jew Awtorizzazzjoni Indefinita għad-Dħul iżda ma tistax turi prova ta' dan, pereżempju jekk tlift d-dokumenti tiegħek jew dawn ġew meqruda għal xi raġuni, u tkun wasalt fir-Renju Unit qabel il-31 ta' Diċembru 1988, tista' tagħżel li tapplika permezz tal-Iskema Windrush jew il-proċess tal-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta' Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE. Iżda trid tiżgura li tkun applikajt għal xi waħda minn dawn biex tħares lilek innifsek.

Jekk m'intix ċert dwar id-drittijiet tiegħek, dejjem staqsi għal parir legali indipendenti. Riżorsi disponibbli għalik f'Londra jistgħu jinstabu fil-paġna tas-servizzi ta' appoġġ tagħna.

## Dan japplika wkoll għal ċittadini Irlandiżi?

Ċittadini Irlandiżi għandhom dritt ta' residenza alternattiv fir-Renju Unit li ma jiddependix fuq is-sħubija tar-Renju Unit fl-UE u huma meqjusa bħala "stabbiliti" mill-mument li jibdew jgħixu fir-Renju Unit. Ma jkunux meħtieġa japplikaw għall-istatus il-ġdid taħt l-EUSS għalkemm jistgħu japplikaw jekk jixtiequ.

Membri tal-familja ta' ċittadini Irlandiżi li mhumiex Irlandiżi, Brittaniċi jew li m'għandhomx RŻI/AID jeħtieġu japplikaw għal Status ta' Stabbilit jew għall-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit biex jiżguraw li jibqgħu residenti legalment fir-Renju Unit. Membri tal-familja eliġibbli ta' Ċittadini Irlandiżi li jgħixu fir-Renju Unit ikunu jistgħu jiksbu Status ta' Stabbilit jew Status li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit taħt l- EUSS filwaqt li ċ-ċittadin Irlandiż ma jkunx meħtieġ jagħmel dan.

## It-tfal jeħtieġu japplikaw?

Il-membri tal-familja kollha jeħtieġu japplikaw individwalment, għalkemm il-ġenituri jew it-tuturi jkunu meħtieġa jimlew l-applikazzjonijiet f'isem it-tfal fil-kura tagħhom. Tfal taħt il-21 sena li għandhom ġenitur bi Status ta' Stabbilit, ikunu eliġibbli għal Status ta' Stabbilit hekk

kif japplikaw, anke jekk ikunu għexu fir-Renju Unit għal inqas minn ħames snin. Dan japplika wkoll għal tfal li jaslu fir-Renju Unit wara l-31 ta’ Diċembru 2020.

Applikazzjonijiet għal tfal taħt ħarsien għandhom jiġu sottomessi mill-awtoritajiet li huma fdati bil-ħarsien tagħhom. Tfal li huma taħt il-ħarsien tal-awtorità lokali tagħhom għal aktar minn 24 siegħa huma magħrufa bħala tfal taħt ħarsien.

Tfal li twieldu fir-Renju Unit fejn ġenitur wieħed huwa diġà ċittadin tar-Renju Unit, jew għandu Residenza Permanenti jew Status ta' Stabbilit meta jitwieldu, huma ċittadini Brittaniċi u ma jeħtiġux li jiġu naturalizzati jew irreġistrati. Jistgħu japplikaw xi eċċezzjonijiet għal dan. Tista’ ssib aktar informazzjoni dwar jekk it-tfal humiex diġà Brittaniċi.

Għal tfal li ġew adottati, ikun meħtieġ li jiġi pprovdut dokument ta’ adozzjoni legali li huwa rikonoxxut fir-Renju Unit. Tfal li jitwieldu jew li jiġu adottati wara l-31 ta’ Diċembru 2020 jiġu protetti wkoll.
Aqra dwar eżempji ta’ kif Status ta’ Stabbilit u Status li jippreċedi l-Istatus ta’ Stabbilit japplika għal familji differenti.

## U għal dawk il-persuni li jeħtieġu aktar għajnuna?

Il-Home Office jaf li hemm bosta raġunijiet għaliex xi persuni ma jkollhomx aċċess faċli għall-informazzjoni jew ma jistgħux jifhmu jew jinnavigaw fis-sistema tal-EUSS mingħajr għajnuna. Jista’ ma jkollhomx aċċess għall-kompjuters jew għarfien kif jużawh, jista’ jkollhom fehim limitat tal-lingwa Ingliża, jista’ jkollhom diżabbiltà jew problemi oħra tas-saħħa li jimpeduhom milli jipproċedu bil-proċess tal-applikazzjoni b’mod faċli jew mingħajr appoġġ. Għal persuni li ma jistgħux jaċċessaw servizzi online, jew dan ikun diffiċli għalihom, hemm disponibbli Servizz Diġitali Assistit. Servizz diġitali assistit jista’ jinkludi appoġġ fuq it-telefown, appoġġ wiċċ imb’wiċċ f’ċerti libreriji jew fid-dar għal kull min ma jistax jaċċessa l-ebda wieħed minn dawn is-servizzi.

Il-Home Office kellu konsultazzjonijiet ma’ gruppi ta’ utenti li jirrappreżentaw varjetà ta’ komunitajiet; madankollu, dan jibqa’ qasam ta’ tħassib partikolari u kundizzjonijiet u ċirkostanzi individwali ta’ applikanti jistgħu jeħtieġu appoġġ speċifiku. Il-Home Office bħalissa jiffinanzja 72 organizzazzjoni li jinkludu xi awtoritajiet lokali li qed jidentifikaw u jikkuntattjaw lil dawk li huma eliġibbli biex japplikaw għall-EUSS, kif ukoll qed joffrulhom appoġġ speċifiku biex jagħmlu l-applikazzjoni tagħhom. Dan jinkludi nies taħt kura, persuni li jiddaħħlu l-isptar għal perjodu aktar twil u l-anzjani, kif ukoll komunitajiet li jivvjaġġaw (Roma) u dawk li m’għandhomx indirizz fiss. Is-Sindku qed jiffinanzja wkoll organizzazzjonijiet biex jipprovdi dan l-appoġġ f’Londra.

Il-Home Office għandu helpline apposta u servizzi oħrajn. Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni li ssottomettejt, tista’ tikkuntattja liċ-Ċentru tar-Riżoluzzjonijiet għall-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta’ Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE (EU Settlement Resolution Centre) fuq 0300 123 7379 (mir-Renju Unit) jew fuq +44 (0) 203 080 0010 (barra r-Renju Unit). Id-dettalji dwar it-tariffi jinsabu hawn www.gov.uk/call-charges. Tista’ wkoll issaqsi mistoqsija permezz ta-formola għal sottomissjonijiet online eu-settled-status-enquiries.service.gov.uk.

Identifikajna servizzi indipendenti ta' appoġġ u konsulenza f'Londra li jistgħu jkunu ta' għajnuna.

## X'jiġri jekk għandi ċittadinanza doppja?

Għal ċittadini Ewropej li huma wkoll ċittadini Brittaniċi, tkun tista' tibqa' taċċessa l-istess drittijiet bħalma għandek issa mingħajr ma tkun teħtieġ tapplika għal Status ta' Stabbilit; iċ-ċittadinanza Brittanika tiegħek tagħti d-dritt tiegħek li tgħid fir-Renju Unit b'mod permanenti. Barra minn hekk, jista' jkun li xorta żżomm id-drittijiet miftiehma fil-Ftehim dwar il-Ħruġ – skont kif ksibt iċ-ċittadinanza Brittanika tiegħek – għalkemm il-Gvern tar-Renju Unit għadu ma pprovdiex dettalji dwar kif ċittadini b'ċittadinanza doppja se jagħtu prova tal-intitolament tagħhom. Ara t-taqsima li jmiss għal aktar dettalji.

## Nista' napplika għal ċittadinanza Brittanika?

Jekk għandek dokument jew kard ta' Residenza Permanenti jew għandek Residenza għal Żmien Indefinit jew Awtorizzazzjoni Indefinita għad-Dħul (RŻI/AID), jista' jkun possibbli li tapplika wkoll għal Ċittadinanza Brittanika. Tista' tagħmel dan ukoll ladarba tingħata l-Istatus ta' Stabbilit. Sakemm m'intix miżżewweġ/miżżewġa lil ċittadin(a) Brittaniku(a), ikollok tistenna 12-il xahar minn meta tikseb status wieħed jew ieħor qabel ma tkun tista' tapplika. Hemm aktar informazzjoni dwar kif tapplika għal Ċittadinanza Brittanika hawn.

Madankollu, mhux in-nazzjonijiet kollha jippermettu liċ-ċittadini tagħhom li jkollhom passaport ta' pajjiż ieħor, jew f'ċirkostanzi speċifiċi biss, għalhekk jista' jkun li jkollok titlef iċ-ċittadinanza kurrenti tiegħek jekk issir ċittadin Brittaniku. Jekk int eliġibbli għal Ċittadinanza Brittanika u tixtieq tapplika għaliha, l-ewwel ikun aħjar li tiċċekkja mal-ambaxxata tiegħek biex tara jekk tistax iżżomm il-passaport tal-pajjiż tat-twelid tiegħek u taħt liema kundizzjonijiet.

## Xi ngħidu għal membri tal-familja li mhumiex Ewropej?

Iċ-Ċittadini Ewropej li huma residenti fir-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020 jistgħu jisponsorjaw lill-membri tal-familja tagħhom li kienu jgħixu magħhom qabel din id-data taħt l-EUSS (dan huwa primarjament għall-membri tal-familja li mhumiex Ewropej) u li jistgħu jingħaqdu magħhom fir-Renju Unit dawk il-membri tal-familja eliġibbli li ma kinux jgħixu fir-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020 (dan ikopri membri tal-familja Ewropej kif ukoll dawk li mhumiex Ewropej). Għalkemm iċ-ċittadini Irlandiżi huma stess ma jeħtiġux japplikaw għall-EUSS, xorta jistgħu jisponsorjaw membri tal-familja biex jgħixu magħhom jew jingħaqdu magħhom fir-Renju Unit billi juru li kieku jingħataw Status li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit jew Status ta' Stabbilit jekk jissottomettu applikazzjoni. Hemm regoli speċjali għal ċittadini Brittaniċi u Irlandiżi mwielda fl-Irlanda ta' Fuq li jistgħu wkoll jisponsorjaw membri tal-familja taħt l-EUSS; ara hawn għal aktar informazzjoni.

Membri tal-familja eliġibbli huma konjuġi, imsieħba reġistrati, imsieħba mhux miżżewġin (imsejħa msieħba fit-tul) fejn ir-relazzjoni eżistiet qabel il-31 ta' Diċembru 2020. Hemm inklużi wkoll ġenituri u nanniet dipendenti, kif ukoll tfal taħt il-21 sena jew tfal dipendenti li għandhom aktar minn 21 sena. Xi membri tal-familja estiża li mhumiex inklużi fil-lista

preċedenti jistgħu japplikaw għall-EUSS iżda biss jekk issottomettew applikazzjoni għal dokument tal-Home Office bħala “membru tal-familja estiża” qabel il-31 ta’ Diċembru 2020.

Il-membru tal-familja li qed japplika jrid jagħti evidenza tar-relazzjoni tiegħu/tagħha mal-membru tal-familja li huwa ċittadin Ewropew (pereżempju, ċertifikat tat-twelid, taż-żwieġ jew tas-sħubija reġistrata). Din l-evidenza tista’ tiġi skenjata u sottomessa permezz tal-formola ta’ applikazzjoni online. Jeħtieġ ukoll li jagħti evidenza tal-identità u r-residenza fir-Renju Unit tal-membru tal-familja tiegħu/tagħha jekk ikun għadu ma kisibx hu stess l-Istatus ta’ Stabbilit jew l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta’ Stabbilit.

Għaċ-ċittadini Ewropej li kisbu ċ-ċittadinanza tagħhom flimkien maċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom, f’xi każijiet jistgħu jisponsorjaw il-membri tal-familja tagħhom taħt l-EUSS iżda dan jiddependi fuq is-sitwazzjoni tagħhom meta huma saru ċittadin Brittaniku. Ikunu meħtieġa li bdew jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-moviment liberu jew tat-trattati meta saru Brittaniċi biex ikun jistgħu jisponsorjaw il-membri tal-familja tagħhom. Dan b’riżultat ta’ sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE magħrufa bħala Lounes.

L-isponsorship tal-membri tal-familja taħt l-EUSS ma japplikax għal Ċittadini Brittaniċi li sussegwentement ikunu kisbu passaport Ewropew (inkluż Irlandiż), billi dawn ma immigrawx lejn ir-Renju Unit u mhumiex meqjusa li eżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-moviment liberu u tat-trattati. Dawn jiġu kkunsidrati bħala ċittadin Brittaniku mingħajr ċittadinanza Ewropea għal skopijiet ta’ immigrazzjoni. Xorta jistgħu jisponsorjaw membri tal-familja li mhumiex la Brittaniċi u lanqas Irlandiżi biex jgħixu magħhom fir-Renju Unit iżda taħt ir-Regoli tal-Immigrazzjoni li mhumiex tal-EUSS.

Jekk m’intix ċert dwar l-istatus tad-dipendenti u l-membri tal-familja tiegħek, forsi tixtieq titlob parir indipendenti. Organizzazzjonijiet f’Londra minn fejn forsi tixtieq titlob parir indipendenti.

## U xi ngħidu dwar ċittadini tal-UE li jgħixu temporanjament barra mir-Renju Unit?

Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ miftiehem bejn l-UE u r-Renju Unit, dawk li ngħataw Status ta’ Stabbilit jistgħu jgħixu barra r-Renju Unit għal ħames snin mingħajr ma jitilfu l-istatus tagħhom. Ċittadini tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera li qabel għexu fir-Renju Unit għal ħames snin kontinwi iżda li bħalissa ma jgħixux hawn, jistgħu wkoll ikunu eliġibbli biex jingħataw Status ta’ Stabbilit sakemm ma ilhomx assenti mir-Renju Unit għal aktar minn ħames snin minn meta ma baqgħux jgħixu hawn (ara t-taqsima dwar kif tapplika minn barra l-pajjiż).

Jekk bħalissa ma temmejtx ir-residenza kontinwa tiegħek ta’ ħames snin, jeħtieġ li tiżgura li ma tqattax aktar minn sitt xhur barra r-Renju Unit fi kwalunkwe perjodu ta’ 12-il xahar biex tiżgura li ma tiksirx il-perjodu ta’ residenza kontinwa tiegħek li teħtieġ biex tikkwalifika għal Status ta’ Stabbilit (sakemm m’intix qed tqatta’ sa 12-il xahar barra r-Renju Unit f’perjodu wieħed minħabba waħda mir-raġunijiet importanti elenkati hawn fuq. Ara l-paġna tagħna għal aktar informazzjoni dwar Residenza kontinwa u l-EUSS.

## X’jiġri liċ-ċittadini tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera li jaslu wara l-31 ta’ Diċembru 2020?

Għaċ-ċittadini Ewropej li ma għexux fir-Renju Unit qabel il-31 ta’ Diċembru 2020, id-dritt tagħhom li joqogħdu fir-Renju Unit jiġi kkunsidrat taħt ir-regoli tal-immigrazzjoni l-ġodda li daħlu fis-seħħ wara t-tmiem tal-Perjodu ta’ Tranżizzjoni.

Dan ma japplikax għal membri tal-familja qraba ta’ ċittadini Ewropej bi Status ta’ Stabbilit jew Status li jippreċedi l-Istatus ta’ Stabbilit fir-Renju Unit li jistgħu jiġu sponsorjati biex jingħaqdu mal-membri tal-familja tagħhom taħt l-EUSS. Ara hawn għal aktar informazzjoni.

## Kif nista’ napplika?

L-EUSS tinvolvi verifika tal-identità bħala parti mill-applikazzjoni. L-aktar mod faċli u veloċi biex timla t-taqsima tal-identità tal-applikazzjoni tiegħek hija billi tuża l-app tal-verifika tad-dokumenti tal-identità tal-Ħruġ mill-UE (EU Exit: ID document check app), li issa hija disponibbli kemm għall-Apple iPhone 7 jew mudelli aktar ġodda u Android 6.0 u aktar ġodda. L-app għandha tkun tista’ tiskenja l-passaport tiegħek u din tista’ taqra ċ-chip bid-data bijometrika.

Hemm ukoll disponibbli servizzi tal-iskenjar tad-dokumenti tal-identità f’għadd ta’ ċentri (jistgħu japplikaw xi tariffi) iżda l-biċċa kbira minnhom bħalissa huma magħluqin minħabba l-Covid-19.

Xi applikazzjonijiet speċifiċi jeħtiġuk tissottometti applikazzjoni fuq karta jew tista’ titlob formola tal-applikazzjoni fuq karta jekk ma tistax tlesti l-proċess online. Għandek tikkuntattja liċ-Ċentru tar-Riżoluzzjonijiet għall-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta’ Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE biex titlob formola tal-applikazzjoni fuq karta li tintbagħat fl-indirizz tad-dar tiegħek.

Għal persuni li ma jistgħux jaċċessaw servizzi online, jew dan ikun diffiċli għalihom, tista’ tuża Servizz Diġitali Assistit bla ħlas. Appoġġ diġitali assistit jista’ jinkludi appoġġ fuq it-telefown, appoġġ wiċċ imb’wiċċ f’ċerti libreriji jew fid-dar għal kull min ma jistax jaċċessa l-ebda wieħed minn dawn is-servizzi jew li mhux kunfidenti biżżejjed biex jimla applikazzjoni online.

## X’dokumenti u informazzjoni oħra neħtieġ?

Teħtieġ passaport jew karta tal-identità nazzjonali valida biex tapplika. Biex tuża l-app tal-iskenjar tal-mowbajl jew is-servizzi tal-iskenjar tad-dokumenti tal-identità, teħtieġ passaport bijometriku jew karta tal-identità nazzjonali. Dokument bijometriku jkun fih chip (eż. kard tal-bank għandha chip) li jkollu informazzjoni dwarek. Jekk id-dokument tiegħek mhux bijometriku, mela jkollok tibagħtu lill-Home Office bil-posta; dawn jieħdu kopja tiegħu u jibagħtulek id-dokument lura. Membri tal-familja li mhumiex ċittadini Ewropej ma jistgħux jużaw l-app tal-iskenjar tal-mowbajl sakemm m’għandhomx diġà karta ta’ residenza bijometrika.

Tkun teħtieġ prova ta’ residenza fir-Renju Unit sakemm mhux diġà għandek dokument validu ta’ Residenza Permanenti, jew Awtorizzazzjoni Indefinita għar-Residenza jew Awtorizzazzjoni Indefinita għad-Dħul fir-Renju Unit. Jekk ħallast it-taxxa permezz tal-impjieg, irċevejt benefiċċji jew pensjoni tal-istat, tista’ tuża n-numru tas-Sigurtà Soċjali tiegħek bħala konferma li kont qed toqgħod fir-Renju Unit. Il-proċess tal-applikazzjoni jiċċekkja n-numru

tas-Sigurtà Soċjali tiegħek mal-HMRC u d-DWP biex jiċċekkja jekk intix residenti fir-Renju Unit.

Jekk ma hemmx biżżejjed informazzjoni miżmuma fuq id-databases nazzjonali, bħal HMRC jew DWP, int tintalab evidenza addizzjonali bħala prova tar-residenza tiegħek. Din tista' tinkludi:

- P60 jew P45
- payslips
- rendikonti tal-bank
- kontijiet tal-utilitajiet, kontijiet tat-Taxxa tal-Kunsill, kontijiet tat-telefown (mowbajl u tal-linja fissa, sakemm dawn għandhom l-isem u l-indirizz tiegħek)
- kontijiet annwali tan-negozju
- kuntratti mill-impjegatur jew ittri li jikkonfermaw l-impjieg
- ittri, fatturi jew ċertifikati minn organizzazzjonijiet edukattivi akkreditati
- timbri tal-passaport li jikkonfermaw id-dħul fil-fruntiera tar-Renju Unit
- biljetti tal-ajru jew tal-ferrovija li jikkonfermaw il-vjaġġ lejn ir-Renju Unit
- ittri minn ċentri tal-kura, tobba, jew sptarijiet, kif ukoll appuntamenti mediċi

Bħalissa hemm limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' dokumenti li tista' tiskenja u ttella' fil-formola tal-applikazzjoni online. Jekk il-Home Office jeħtieġ dokumenti addizzjonali relatati mar-residenza tiegħek fir-Renju Unit, se jikkuntattjawk u jitolbuk tippreżentahom. Ma tkunx meħtieġ tipprovdi evidenza tar-residenza kollha tiegħek fir-Renju Unit. Tkun meħtieġ biss tipprovdi evidenza għall-perjodu li juri li int eliġibbli għal Status ta' Stabbilit (5 snin ta' residenza fir-Renju Unit) jew Status li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit (residenza fir-Renju Unit f'xi punt fi żmien l-aħħar 6 xhur).

Jekk inti ċittadin mhux Ewropew li qed tapplika għall-EUSS, mal-applikazzjoni tiegħek teħtieġ tipprovdi evidenza dwar ir-relazzjoni tiegħek mal-membru tal-familja Ewropew tiegħek.

Jekk ma tistax tipprovdi informazzjoni addizzjonali jew prova ta' residenza, il-Home Office ddikjara li se jitkellmu miegħek aktar fid-dettall biex jiddeterminaw ir-residenza tiegħek fir-Renju Unit.

Hemm lista ta' dokumenti u informazzjoni utli li tista' tuża biex jgħinuk fit-tħejjija biex tapplika.

## Verifiki tal-kriminalità

Tiġi mitlub tiddikjara kwalunkwe kundanna kriminali li tidher fir-rekord kriminali tiegħek fir-Renju Unit u barra mir-Renju Unit, jew dik ta' tfal bejn l-etajiet ta' 18 sa 21 snin, li qed tissottometti l-applikazzjoni għalihom. Dawn jiġu vverifikati fid-databases tal-kriminalità tar-Renju Unit. Ma teħtieġx li tiddikjara l-ebda minn dawn li ġejjin: sentenzi li ma jeħtiġux li jiġu żvelati ("sentenzi li għaddew"), twissijiet ("kawzjonijiet"), alternattivi għall-prosekuzzjoni, pereżempju multi għal veloċità fis-sewqan.

Xorta tista' tkun eliġibbli biex tapplika għall-Istatus ta' Stabbilit jew li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit jekk għandek xi kundanna billi dawn jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ. Madankollu,

jista' jkun aħjar jekk titlob parir legali indipendenti qabel ma tapplika, speċjalment jekk kellek aktar minn kundanna waħda jew piena ta' kustodja ta' 12-il xahar jew aktar. Ipprovdejna lista ta' konsulenti legali indipendenti.

## Hemm xi spejjeż?

L-applikazzjoni għall- EUSS hija bla ħlas.

Madankollu, jista' jkun hemm xi spejjeż assoċjati ma' partijiet oħra tal-proċess, bħall-użu tas-servizz għall-verifika tad-dokumenti u l-identifikazzjoni f'ċentri apposta, normalment madwar £14 għal kull applikant. Applikanti li huma ċittadini li mhumiex Ewropej jistgħu wkoll jeħtieġu jużaw iċ-ċentri tal-viżi UKVCAS (UKVCAS visa centres) biex jirreġistraw l-informazzjoni bijometrika tagħhom bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni. Hemm xi appuntamenti bla ħlas fiċ-ċentri ewlenin iżda dawn jinsabu fil-bliet ewlenin biss; jista' jkollok tagħmel l-ispejjeż biex tivvjaġġa lejn ċentru ewlieni, jew, bħala alternattiva, tħallas għal appuntament f'ċentru tal-viżi li huwa lokali għalik. Jekk għandek sitwazzjoni kkumplikata u ma tistax issib konsulenza legali u dwar l-immigrazzjoni bla ħlas, għandu mnejn ikollok tħallas l-ispejjeż ta' avukat.

## Kif tapplika minn barra l-pajjiż

L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru minn barra l-pajjiż permezz tal-app tal-verifika tal-ID u l-proċess tal-applikazzjoni online. L-app tal-verifika tal-ID tista' tintuża biss ma' passaporti u karti tal-identità nazzjonali validi li fihom chip bijometriku interoperabbli. Għal applikanti li mhumiex Ewropej, tista' tapplika biss minn barra permezz tal-app tal-verifika tal-ID jekk għandek karta ta' residenza bijometrika valida jew karta ta' residenza permanenti bijometrika maħruġa skont ir-Regolamenti taż-ŻEE. Jekk m'għandekx aċċess għal dawn id-dokumenti, mela tkun teħtieġ tikkuntattja liċ-Ċentru tar-Riżoluzzjonijiet tal-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta' Stabbilit taċ-ċittadini tal-UE biex tistabbilixxi jekk intix eliġibbli biex tapplika b'evidenza alternattiva minn barra r-Renju Unit..

## Iċċekkja l-email tiegħek għall-eżitu tal-applikazzjoni tiegħek

Iċċekkja l-email tiegħek regolarment billi l-ittra ta' approvazzjoni tal-Home Office se tintbagħat lill-indirizz elettroniku li niżżilt fl-applikazzjoni tiegħek. Għandek tiċċekkja wkoll il-fowlder tiegħek tal-posta mhux mixtieqa (*junk/spam*) billi kultant l-ittra ta' approvazzjoni tidħol hemm.

Huwa probabbli li l-Home Office jieħu bejn ħames ġranet tax-xogħol u xahar biex jipproċessa l-applikazzjoni tiegħek jekk ma tkunx meħtieġa informazzjoni addizzjonali. Jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali jew l-applikazzjoni tiegħek hija kumplessa, tista' tieħu aktar żmien. Tista' ċċempel in-numru tal-Home Office taċ-Ċentru tar-Riżoluzzjonijiet tal-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta' Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE (0300 123 7379) biex titlob aġġornament dwar l-applikazzjoni tiegħek.

Ladarba tirċievi l-email bl-approvazzjoni, ipprintjaha bl-ittra tal-approvazzjoni mehmuża jew issejvjaha fl-inbox tiegħek għal referenza futura. Għalkemm din l-ittra mhix prova tal-istatus

tiegħek, forsi tixtieq tirreferi għall-informazzjoni pprovduta fiha aktar tard biex taġġorna l-informazzjoni diġitali miżmuma mill-Home Office.

### Ningħata prova tal-Istatus ta' Stabbilit jew l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit tiegħi?

Jekk tingħata Status ta' Stabbilit, ma tingħatax dokument bi prova ta' dan; minflok tirċievi status diġitali li tista' taċċessa permezz tal-portal gov.uk. jekk qatt tkun meħtieġ tipprovdi prova tal-istatus tiegħek, pereżempju għal impjegatur ġdid jew sid il-kera, tista' tagħtihom kodiċi ta' aċċess u link fuq il-web biex ikunu jistgħu jikkonfermaw l-istatus tiegħek elettronikament. Ma jkollhomx aċċess għal xi informazzjoni oħra dwarek permezz ta' din il-link. Sat-30 ta' Ġunju 2021 ċittadini Ewropej mhumiex meħtieġa juru l-istatus diġitali tagħhom lil impjegatur jew sid il-kera billi xorta tista' tiddependi fuq il-passaport jew il-karta tal-identità nazzjonali tiegħek.

### Nista' nappella kontra d-deċiżjoni tal-Home Office?

Hemm bosta raġunijiet għaliex forsi tixtieq tmur kontra d-deċiżjoni tal-Home Office. Ir-raġunijiet l-aktar komuni huma:

- Int tingħata Status li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit iżda temmen li int eliġibbli għall-Istatus ta' Stabbilit; jew
- Int ġejt irrifjutat l-Istatus ta' Stabbilit jew l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit.

Fil-perkors tal-applikazzjoni tiegħek, tiġi mistoqsi wkoll kemm ilek tgħix b'mod kontinwu fir-Renju Unit. Il-proċess tal-applikazzjoni mbagħad jgħidlek jekk il-verifiki awtomatiċi tan-numru tas-Sigurtà Soċjali jistgħux isibu ħames snin ta' residenza kontinwa. Jekk dawn il-verifiki ma jurux residenza kontinwa ta' ħames snin, għandek l-opportunità li ttella' aktar evidenza li turi li għandek tingħata l-Istatus ta' Stabbilit. Jekk ma għextx fir-Renju Unit għal ħames snin kontinwi, tista' taċċetta l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit bħala l-eżitu korrett għas-sitwazzjoni tiegħek. Jekk il-verifiki awtomatiċi ma jistgħux isibu ebda residenza fir-Renju Unit għalik, tintalab ittella' evidenza tar-residenza li turi li int tikkwalifika għal Status ta' Stabbilit jew Status li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit.

Jekk ingħatajt l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit int eliġibbli għall-Istatus ta' Stabbilit, jeħtieġ li tiddeċiedi jekk jistax jirnexxielek tappella din id-deċiżjoni. Jekk m'għandekx evidenza addizzjonali li turi ħames snin ta' residenza kontinwa, tista' tagħżel li fl-ewwel istanza taċċetta l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta' Stabbilit. Imbagħad tista' terġa' tapplika għal Status ta' Stabbilit jekk issib evidenza addizzjonali li tista' tagħti prova tar-residenza tiegħek. Qabel ma tagħmel dan, għandek tikkuntattja konsulent tal-immigrazzjoni jew iċ-Ċentru tar-Riżoluzzjonijiet tal-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta' Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE tal-Home Office.

Inkella, forsi tixtieq tapplika għal reviżjoni tad-deċiżjoni. Dan jissejjaħ rieżami amministrattiv. It-talba trid tiġi sottomessa fi żmien 28 jum mid-data tad-deċiżjoni. Hemm miżata ta' £80, iżda din tiġi rimborżata jekk: a) l-applikazzjoni tirnexxi, jew b) jekk l-applikazzjoni tiġi rrifjutata minħabba li tkun invalida. Il-miżata ma tiġix rimborżata jekk ir-rieżami jirnexxi minħabba li int

issottomettejt informazzjoni addizzjonali. Tista’ titlob reviżjoni permezz ta’ formola ta’ applikazzjoni.

Mod ieħor biex tmur kontra deċiżjoni li ma taqbilx magħha huwa billi tappella quddiem it-Tribunal tal-Immigrazzjoni tal-Ewwel Livell (First-tier Immigration Tribunal). Appell quddiem it-tribunal ifisser li d-deċiżjoni tal-Home Office tiġi riveduta minn imħallef tal-immigrazzjoni indipendenti li jagħti ħarsa lejn is-sitwazzjoni tiegħek u l-evidenza li ssottomettejt, biex jiddeċiedi jekk jaqbilx jew le mad-deċiżjoni tal-Home Office. L-appelli quddiem it-Tribunal jiswew £80 jekk tixtieq li l-appell ikun ibbażat fuq id-dokumenti tiegħek jew £140 jekk tixtieq tagħti xhieda verbali personalment quddiem l-imħallef tal-immigrazzjoni. Tkun idea tajba jekk tiddiskuti l-każ tiegħek ma’ konsulent tal-immigrazzjoni kkwalifikat qabel ma tissottometti appell quddiem it-Tribunal biex tifhem x’inhuma ċ-ċansijiet li l-appell tiegħek jirnexxi. Hawn tista’ ssib lista ta’ konsulenti legali indipendenti li forsi jistgħu jgħinuk.

Jekk tiġi rrifjutat l-Istatus ta’ Stabbilit jew l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta’ Stabbilit, mela tkun teħtieġ terġa’ tapplika, tapplika għal rieżami amministrattiv jew tappella quddiem it-Tribunal tal-Immigrazzjoni tal-Ewwel Livell. L-approċċ li għandek tieħu jiddependi fuq għaliex ġejt irrifjutat. Huwa gravi ħafna li l-istatus taħt l-EUSS jiġi rrifjutat u għalhekk, jekk jiġri dan, tkun idea tajba jekk tkellem konsulent tal-immigrazzjoni kkwalifikat. Hawn tista’ ssib lista ta’ konsulenti legali indipendenti li forsi jistgħu jgħinuk.

## Kundizzjonijiet għaż-żamma tal-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta’ Stabbilit jew l-Istatus ta’ Stabbilit ladarba jingħata

Biex iżżomm l-Istatus ta’ Stabbilit, m'għandek titlaq mir-Renju Unit għal perjodu kontinwu ta’ ħames snin jew aktar billi l-istatus tiegħek jintemm jekk titlaq mir-Renju Unit għal aktar minn ħames snin. Jekk tiġi kkundannat b’reat, il-Home Office jista’ jikkanċella l-Istatus ta’ Stabbilit tiegħek u jista’ jipprova jkeċċik mir-Renju Unit. Għajr minn dawn iż-żewġ raġunijiet, int iżżomm l-Istatus ta’ Stabbilit tiegħek – u d-dritt li toqgħod fir-Renju Unit kif qed tagħmel issa – għal tul ħajtek.

Biex iżżomm l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta’ Stabbilit, trid tmantni r-residenza kontinwa tiegħek fir-Renju Unit. Jekk jogħġbok aqra t-taqsima tagħna dwar residenza kontinwa għal aktar informazzjoni. Jeħtieġ tiżgura wkoll li tapplika għal Status ta’ Stabbilit wara li tkun għext b’mod kontinwu fir-Renju Unit għal ħames snin jew qabel ma jiskadi l-Istatus li jippreċedi l-Istatus ta’ Stabbilit tiegħek. Jekk tiġi kkundannat b’reat, il-Home Office jista’ jikkanċella l-Istatus ta’ Stabbilit tiegħek u jista’ jipprova jkeċċik mir-Renju Unit.